9 ta' Frar, 1953.

Imħallfin:
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* George Pulo

**Kumpilazzjoni — Att ta' l-Akkuża — Eżami ta' l-Imputat — Nullità — Art. 407 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk l-eżami ta' l-imputat ma jkunx ġie ffirmat mill-Maġistrat Istruttur, dan in-nuqqas iġib in-nullità ta' l-Istruttorja, u kwindi anki ta' l-att ta' l-akkuża.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8939;

Rat l-Istruttorja relativa;

Rat id-digriet tagħha komposta minn Imħallef wieħed, mogħti fit-2 ta' Frar 1953, li bih ġiet rimessa għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti kolleġjali l-kwistjoni dwar jekk l-Istruttorja, u għalhekk l-att ta' l-akkuża, hux null minħabba li l-eżami ta' l-imputat ma ġiex firmat mill-Maġistrat inkwirenti;

Trattat dan il-pont;

Peress li fil-fatt l-eżami ta' l-imputat ma ġiex firmat mill-Maġistrat, kif jeħtieġ skond l-art. 407 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12;

Peress li dan in-nuqqas iġib in-nullità ta' l-Istruttorja, u kwindi ta' l-att ta' l-akkuża, skond ma ġie diġà ritenut minn din il-Qorti bid-deċiżjoni tagħha "Reġina vs. Sammut", 12 ta' Jannar 1953;

Għalhekk tiddirimi l-inċident billi tiddikjara nulla l-Istruttorja għaliex null l-eżami ta' l-imputat, u kwindi tiddikjara null ukoll l-att ta' l-akkuża; u, wara li rat l-art. 461 (7) tal-Kap. 12, tordna li l-akkużat jerġa' jitqiegħed fl-istess stat li kien qabel ma ġie preżentat l-att ta' l-akkuża.